ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

IL-LIVELL
5 – 6 – 7

StudentBounty.com

**L-EWWEL SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: KWARTA**

## IS-SMIGĦ MILL-QARI

### Il-Karta għall-Għalliema

*L-għalliem/a jaqra s-silta bil-mod u wara jaqra l-mistoqsijiet. L-għalliem/a jerġa' jaqra s-silta u wara jerġa' jaqra l-mistoqsijiet waħda waħda bil-mod, biex jagħti ċans lill-istudenti jwieġbu wara kull mistoqsija. L-istudenti jkunu jistgħu jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet biss wara l-ewwel qari u ma jistgħux jiktbu fuqha qabel ma jintemm it-tieni qari.*

Owen rabat il-kelb u ħadu miegħu. Imbagħad ħareġ ma' Ron u telqu flimkien lejn l-għalqa. Fit-triq, Owen qal lil Ron li kien sab il-kokka u ħadha d-dar. Sakemm damet id-dar Owen kellu xorti ħażina. Hu beża' mill-kokka u mar ħbieha fl-għalqa.

Meta waslu ħdejn l-għalqa ma kien hemm ħadd. Owen u Ron marru ħdejn siġra tal-kappar. Sprint, il-kelb ta' Owen, beda jħaffer b'saqajh. Owen ħaffer ukoll. Ftit wara Owen sab il-kaxxa li fiha kien hemm il-kokka.

Mistoqsijiet

1. X'kien jisimhom iż-żgħażagħ tal-istorja?
2. X'kien sab Owen?
3. Fejn ħeba l-kokka Owen?
4. Fejn marru ż-żgħażagħ meta waslu fl-għalqa?
5. X'kien jismu l-kelb ta' Owen ?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

IL-LIVELL
5 – 6 – 7

**L-EWWEL SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: KWARTA**

**IS-SMIGĦ MILL-QARI**

**Il-Karta għall-Istudenti**

**L-Isem:** ___________________________ **Il-Klassi:**_______________

It-Tweġibiet **(10 marki)**

*Isma' sewwa s-silta tinqara għal darbtejn u wara wieġeb waħda waħda l-mistoqsijiet li jsirulek fuqha billi taqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.*

1. Dawn kien jisimhom: (a) Pinu u Ġanni (b) Owen u Ron (ċ) Joe u John.

2. Owen kien sab: (a) kokka; (b) ġiżirana; (ċ) arloġġ.

3. Owen ħeba l-kokka: (a) f'armarju; (b) fil-kantina; (ċ) f'għalqa.

4. Huma marru ħdejn: (a) siġra tal-kappar (b) kamra; (ċ) ħajt għoli.

5. Il-kelb ta' Owen kien jismu: (a) Snoopy; (b) Spotty; (ċ) Sprint.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-Livelli
5 – 6 – 7

**L-EWWEL SENA　　IL-MALTI　　IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

**L-Isem:** ___________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Oral** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | **10** | **16** | **4** | **10** | **20** | **20** | **10** | **10** | **100** |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta minn gazzetta lokali u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***




Ilbieraħ wieħed ħalliel daħal jisraq mill-ħanut *Style Clothing*. Dan il-ħanut ibigħ il-ħwejjeġ u jinsab fi Triq Daħlet ix-Xwieni, f'Wied ir-Ram. Dan il-każ seħħ għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' waranofsinhar. (*par. 1*)

Il-ħalliel kien liebes qalziet qasir u flokk skur. F'idu kellu sikkina. Hu kellu d-daqna u fuq idu kellu tpinġija ta' stallett. Mill-ħanut seraq ħafna flus. (*par. 2*)

Dak il-ħin fil-ħanut kien hemm tfajla li taħdem hemm. Il-ħalliel mar fuqha bis-sikkina u qalilha tagħtih il-flus. It-tfajla tatu l-flus li kellha fil-kexxun. Dan ħataf il-flus, telaq jiġri 'l barra u ħarab b'mutur. Ftit wara, fuq il-post marru l-Pulizija tad-Distrett bil-karozza tagħhom biex jaraw x'ġara. (*par. 3*)

(Addattament minn rapport f'gazzetta lokali. L-ismijiet u l-postijiet huma fittizji.)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

Ilbieraħ wieħed ħalliel daħal jisraq mill-ħanut *Style Clothing*. Dan il-ħanut ibigħ il-ħwejjeġ u jinsab fi Triq Daħlet ix-Xwieni, f'Wied ir-Ram. Dan il-każ seħħ għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' waranofsinhar. (*par. 1*)

1. F'liema ħanut daħal jisraq il-ħalliel ilbieraħ?

   ____________________________________________. (marka)

2. Xi jbigħ dan il-ħanut?

   ____________________________________________. (marka)

3. X'jisimha t-triq fejn jinsab dan il-ħanut?

   ____________________________________________. (marka)

4. X'ħin kien xħin seħħet is-serqa?

   ____________________________________________. (marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Il-ħalliel kien liebes qalziet qasir u flokk skur. F'idu kellu sikkina. Hu kellu d-daqna u l... kellu tpinġija ta' stallett. Mill-ħanut seraq ħafna flus. (*par. 2*)

5. X'kien liebes il-ħalliel?

_______________________________________________________________. (2 marki)

6. X'kellu mpinġi fuq idu?

_______________________________________________________________. (marka)

Dak il-ħin fil-ħanut kien hemm tfajla li taħdem hemm. Il-ħalliel mar fuqha bis-sikkina u qalilha tagħtih il-flus. It-tfajla tatu l-flus li kellha fil-kexxun. Dan ħataf il-flus, telaq jiġri 'l barra u ħarab b'mutur. Ftit wara, fuq il-post marru l-Pulizija tad-Distrett bil-karozza tagħhom biex jaraw x'ġara. (*par. 3*)

7. Min kien hemm fil-ħanut dak il-ħin?

_______________________________________________________________. (marka)

8. X'għamel il-ħalliel malli ħataf il-flus f'idejh?

_______________________________________________________________. (2 marki)

| | |
|---|---|
| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (16-il marka) |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

1. Liema kelma mill-ewwel paragrafu qiegħda tintuża flok ***is-serqa***?

Il-kelma hi: ___________________________ (marka)

2. Immarka t-tajba. Il-kelma ***stallett*** (*par.2*) tfisser:

(a) stilla żgħira ____; (b) sikkina bil-ponta ____; (ċ) stalla taż-żwiemel ____. (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

3. Immarka t-tajba. Il-kelma: ***liebes*** (*par.2*) qiegħda tgħidilna xi ħaġa dwar:

(a) il-ħanut ___; (b) Wied ir-Ram ___; (ċ) il-ħalliel ____. (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Immarka t-tajba. L-isem tal-ħanut ***Style Clothing*** *(par.1)* hu :

a) bil-Malti ___; b) bit-Taljan ___ ; ċ) bl-Ingliż___. (marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

Aqra sewwa din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

(a) Frida Grima kienet tfajla mill-Belt.
(b) Kienet tħobb tilbes sabiħ u pulit.
(ċ) Il-ħwejjeġ kienu dejjem tal-moda u ż-żraben kienu dejjem tad-ditta.
(d) Kellha basket b'widnejn twal u kartiera bla qiegħ.
(e) Darba waħda, Frida daħlet f'ħanut ġdid, rat dublett pulit, ippruvatu ftit, ħarset fil-mera, imma ma xtratux.
(f) Tal-ħanut berraq għajnejh, kemmex xofftejh u gerger minn taħt l-ilsien.
(ġ) Avolja Frida tħobb il-ħwejjeġ, ma tixtrix dak li ma jogħġobhiex.
(g) Kemm hi fitta fl-ilbiesi Frida Grima.

5. Ikteb il-konsonanti tal-kelma ***żraben***.

Il-konsonanti huma: ____; ____; ____; ____. (2 marki)

6. Il-kelma **ilbiesi** turi plural. Is-singular ta' **ilbiesi** hi ___________________ (marka)

7. *Kemm hi fitta fl-ilbiesi Frida Grima*. Minn din is-sentenza sib u ikteb dik il-kelma li għandha **l-artiklu**. Il-kelma hi: ______________________. (marka)

8. Sib u ikteb **nom proprju** u **nom komuni** mis-sentenza: *Frida daħlet f'ħanut ġdid.*

(a) nom proprju: _________________ ; (b) nom komuni: _________________ (2 marki)

9. Sib **nom** mill-kelma *kartiera* u iktbu fil-vojt t'hawn taħt.

In-nom hu: ________________. (marka)

10. Ikteb il-**konsonanti tal-għerq** tal-verb *libes* u tal-verb *gerger*.

(a) Il-konsonanti tal-għerq tal-verb libes huma: ____ - ____ - ____

(b) Il-konsonanti tal-għerq tal-verb gerger huma: ____ - ____ - ____ - ____ (2 marki)

11. Aqra din is-sentenza u ikteb it-**3** (tliet) **verb**i li ssib fiha: *Tal-ħanut berraq għajnejh, kemmex xofftejh u gerger minn taħt l-ilsien.*

Il-verbi huma: (a) ______________; (b) ________________ (ċ)______________ (3 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. L-IDJOMATIKA (4 marki)

1. L-Idjoma (2 marki)

Din is-sena int tgħallimt dwar l-idjomi bil-kuluri. Aħna ngħidu **iswed faħma** u **aħmar nar**. Issa fil-vojt ta' taħt kompli dawn iż-żewġ idjomi bil-kuluri.

(a) abjad ____________________; (b) isfar ____________________.

2. Il-Qawl (2 marki)

Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba biex tkompli l-qawl.

*Alla skont* (a) **il- friġġ**; (b) **il-granita**; (ċ) **il-muntanja** *jagħtiha s-silġ*.

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 marki)

Fil-klassi tgħallimt kif tinkiteb ittra. Kompli din l-ittra li waħda tifla jisimha Joanne kitbet lill-ħabiba tagħha Brenda. Trid tikteb madwar **20 kelma**. F'kaxxa taħt għandek issib xi kliem li jista' jgħinek.

25, Triq il-Ħniena
Ħal Kbir, KBR 1234

25 ta' Ġunju, 2012

Għażiża Brenda,

Nhar is-Sibt li ġej, jien u l-familja tiegħi se mmorru nqattgħu ġurnata fuq Kemmuna. Se mmorru bil-jott taz-ziju Peter. Titħajjar tiġi magħna?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

Il-ħabiba tiegħek

*Joanne*

| Nitilqu kmieni, malja, ngħumu, naqbżu mill-għoli, ħobż biż-żejt, luminati, nixxemmxu, gost. |
|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| E. LETTERATURA | (20 m |
|---|---|

**(i) Nadriet 1**

Imla l-vojt.

1. Fil-poeżija **Il-Ħolma t'Alla** ta' Anton Buttigieg, il-poeta jgħidilna li meta mmorru fil-kampanja aħna nkunu nimxu ġewwa l-____________________ t'Alla. (2 marki)

2. Fil-poeżija **Bjuda**, Dun Karm jgħid li filgħodu hu ra l-bjuda fil- __________________ fuq il-ġilju u l-ġiżimin. (2 marki)

3. Fil-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett,** il-poeta Oliver Friggieri jgħid li mar il-Buskett u qagħad jitkellem ma' ____________________. (2 marki)

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi** (2 marki)

Agħżel **waħda** minn dawn il-poeżiji li nsibu f'**Aktar Nadriet Poetiċi** u ikteb sentenza dwarha. *Il-Ħerża, Raħal Twelidi, Il-Kebbies tal-Fanali, distanza, Tristis Est Anima Mea, Dik Mewġa, Xmara Ħamra Bruka Xiħa, Xita.*

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**(iii) Stejjer tal-Linka -** Sedqa (6 marki)

Wieġeb **tnejn** minn dawn il-mistoqsijiet dwar l-istejjer li nsibu fil-ktieb *Stejjer tal-Linka.*

a. Ikteb sentenza dwar il-kokka u l-werżieq li nsibu fil-ħrafa **Il-Kokka u l-Werżieq.**

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

b. Immarka t-tajba.

Fis-silta **L-Iskola**, it-tifla:

(i) ma kinitx tħobb l-iskola u ma kinetx trid titgħallem. ____

(ii) kienet tħobb tiġri fil-kampanja u ma riditx tmur skola. ____

(iii) riedet titgħallem, imma fil-klassi kienet tiddejjaq. ____



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Issa ikteb sentenza dwar kif tħossok int meta tkun fil-klassi.

ċ. Ikteb sentenza li fiha tgħid x'tip ta' tifel kien **Sunny**, it-tifel li nsibu f'din l-istorja.

**(iv) Zito Zandarell** ta' Carmel G. Cauchi (6 marki)

Wieġeb (**a**) jew (**b**) u ikteb f'madwar 20 kelma.

a) Zito Zandarell, it-tifel aljen, għamel ħbieb mal-familja ta' Stefan u Melissa. X'juri dan dwar x'tip ta' tfal kienu Stefan u Melissa?

**JEW**

b) Rocky Rospo kien ħataf lil Zito u qaflu fil-Mitħna ta' Sidor. Għid kif it-tifel aljen irnexxielu jaħrab minn dan il-ħabs.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **F. KOMPONIMENT** | (2… |
|---|---|

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **150 kelma** fil-linji pprovduti.

1. Dalwaqt jaslu l-vaganzi tas-sajf. Hawn min imur il-baħar, jiddeverti, jistrieħ jew isiefer. Għid kif tqatta' l-ġurnata int meta tkun fil-vaganzi tas-sajf.

2. Fl-aħbarijiet nisimgħu ħafna dwar inċidenti tat-traffiku. Irrakkonta inċident tat-traffiku li ġara tassew u li smajt bih minn fuq ir-radju jew minn fuq it-televixin.

3. Din is-sena fl-iskola tgħallimt dwar il-ħrejjef. Liema ħrafa kont tħobb tisma' l-aktar meta kont żgħir/żgħira? Tiftakar kif kienet? Jekk iva, iktibha fi kliemek.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers